MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Rikors Numru. 452/2009

**Meridian Investors Limited (BVI 1016941)**

**vs**

**Panta Contracting Limited, Alfio Bartolo, Silvio Cauchi u b'digriet moghti fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2010 gew kjamati in kawza William Mallia u Christian Attard**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar is-16 ta' Novembru, 2009, fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma t'erbat elef tmien mija u sittin Ewro (€4,860) rapprezentanti danni kkagunati fil-fond proprjeta' tas-socjeta' attrici w senjatament hsarat fi hgiega formanti parti minn *reception desk* u l-istess *reception desk,* ghal liema hsarat huma responsabbli l-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-akkadut sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, rapprezentanti ta' liema huma ngunti 'n subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Panta Contracting Limited (C 15725), u tal-konvenuti Alfio Bartolo w Silvio Cauchi, kif prezentata fl-atti nhar is-16 ta' Dicembru, 2009, fejn eccepew is-segwenti:-

1*."Illi l-eccipjenti ma kkawzaw l-ebda danni fil-hgiega formanti parti minn 'reception desk' u l-istess 'reception desk' fil-fond proprjeta' tas-socjeta rikorrenti, li qabel xejn trid tipprova it-titolu taghha ghal istess proprjeta' sabiex jigi stabbilit l-interess guridiku, stante li meta saret it-talba ghal hlas ta' danni l-ewwel darba, din saret ghan-nom tas-socjeta' Webbet Limited, u mhux ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti.*

*2. Illi semmai is-socjeta' rikorrenti sofriet xi danni, liema danni jridu jigu pruvati, dawn saru tort unikament ta' l-istess socjeta', minhabba traskuragni u negligenza da parti taghha li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex tali danni jigu evitati, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.*

*Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha, stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn."*

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha esebiet zewg affidavits, cioe' dak ta' Lorenzo Torti li gie mmarkat bhala Dok. LT u dak ta' Christopher Baldacchino li gie mmarkat bhala Dok. CB.

**Lorenzo Torti** jghid fl-affidavit tieghu (fol. 17) li huwa impjegat tas-socjeta' Webbet Ltd., u kien inkarigat sabiex jaghmel supervizjoni tax-xoghlijiet li kienu qed isiru ghas-socjeta' attrici bhala sidien ta' Level 2, Portomaso Business Towers. Jispjega illi s-socjeta' konvenuta kellha

ftehim mas-socjeta' attrici sabiex izzid in-numru ta' *sensors* ghaliex is-sistema tal-*fire security* li kellhom ma kinitx wahda adegwata. Qal li s-*sensors* jigu mwahhla fis-soqfa tal-*concrete*, liema soqfa huma koperti b'soffitti, w sabiex l-impjegati tas-socjeta' konvenuta rnexxielhom jilhqu s-soqfa huma kellhom inehhu l-madum tas-soffitt li kien hemm, u dan billi jitilghu fuq sellum.

Jghid li fl-ghodwa tal-21 ta' Awwissu 2008 kien hemm zewg *technicians* tas-socjeta' konvenuta li kienu qed jahdmu fuq il-post u kienu qed jaghmlu xi xoghol f'bieba li kienet tinsab fis-soffitt fuq mir-*reception desk*. Qal li din l-iskrivanija tal-injam u gilda kienet giet disinjata b'mod sepcifiku w fuq il-wicc taghha kellha hgiega shiha tal-kristal li kienet twila xi erba' metri w hoxna 1.8cm. Meta dahal fl-ufficcju ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu ra wiehed minn dawn it-*technicians* bil-wieqfa fuq l-iskrivanija liebes par *boots*. Ghalhekk huwa gibed l-attenzjoni ta' Christopher Baldacchino sabiex almenu jghattu l-mejda b'xi kartuna w dan sabiex jigu evitati xi brix. Wara ftit huwa telaq mill-ufficcju ghax kellu laqgha w meta rritorna s-Sur Baldacchino urih il-wicc tal-kristal li kien miksur fi tnejn. Qallu wkoll li t-*technicians* kienu ghosfru dakinhar. Huwa ghalhekk talbu sabiex jigbed xi ritratti tal-hgiega sabiex jiehu direzzjoni mis-*supervisors* tieghu dwar id-danni li gew kagunati.

**Christopher Baldacchino** impjegat mas-socjeta' Help Online Services Limited li ghandha l-ufficcini taghha fit-tieni livell tal-Portomaso Business Towers, proprjeta' tas-socjeta' attrici, skond kuntratt esebit u mmarkat bhala Dok. CB1. Ikkonferma li meta huwa gie impjegat ma' din is-socjeta', t-tieni sular kien ghadu mhux lest u kienu ghadhom qed isiru xi xoghlijiet. Jispjega li f'Awwissu 2008 huwa kien ikkomunika mas-Sur Mario Falzon li jokkupa l-kariga ta' Senior Executive mas-socjeta' konvenuta, w kien talbu jipprosegwi bix-xoghlijiet ghal *upgrade* tas-sistema ta' *fire alarm* f'dan it-tieni sular. Jghid li l-konferma kienet skond stima li giet moghtija lilu mis-socjeta' konvenuta. Pero' jghid li qatt ma kienu ordnaw "sistema" ta' *fire alarm*, riedu biss *upgrade* f'dak li kien hemm.

Fil-21 ta’ Awwissu 2008 is-socjeta’ konvenuta baghtet tnejn min-nies fuq il-post, u cioe’ lil Alfio Bartolo u Silvio Cauchi. Dawn kienu l-unici tnejn min-nies li kienu qed jahdmu fuq il-post dakinhar. Jghid li dakinhar hadd iktar ma kien hemm fl-ufficcju ghajru w Lorenzo Torti. Izid li kull tant hin huwa kien imur jaghti daqqa t’ghajn biex jara dak li kien qed isir minn dawn il-haddiema tas-socjeta’ konvenuta w sabiex joffri l-assistenza tieghu kemm-il darba kienet mehtiega.

Ikkonferma li fil-21 ta’ Awwissu dawn l-impjegati kienu qed jaghmlu xoghol fuq is-soffit tal-ufficcju fir-*reception area*. F’xi hin innota li wiehed minn dawn l-impjegati kien qieghed iserrah irkopptu fuq il-hgiega tal-kristall tar-*reception desk*. Gara pero’ li f’xi hin matul il-gurnata nnota li din il-hgiega kienet inkisret. Huwa esebixxa zewg ritratti ta’ din il-hgiega miksura li gew immarkati bhala Dok. CB2 u CB3 u ritratt iehor tar-*reception desk* intier wara li nbidlet il-hgiega, liema ritratt qieghed jigi mmarkat bhala Dok CB4. Meta ra hekk huwa avvicina lil Alfio Bartolo u Silvo Cauchi, bhala l-unici nies li kienu fuq il-post dakinhar, u li ghalhekk fil-fehma tieghu ikkagunaw id-dannu, izda huma innegaw li din tkissret minnhom.

Jghid li minkejja li l-konvenuti nnegaw ir-responsabilita’ taghhom, huwa tenna li l-hgiega kienet shiha w bla ebda ksur qabel Alfio Bartolo u Silvio Cauchi hadmu hemmhekk. Ikkonferma li dawn kienu l-unici haddiema li kienu hadmu f’din il-kamra dakinhar li nkisret il-hgiega. Huwa jghid li kien ra kemm lil Alfio Bartolo kif ukoll lil Silvio Cauchi jserhu fuq din il-hgiega. Sussegwentment huwa kien ikkomunika ma’ Mario Falzon li kien tah l-ismijiet ta’ dawn iz-zewg haddiema. Huwa esbixxa l-invoice li tindika l-*quantum* tal-hsara kagunata. Din giet immarkata bhala Dok. CB5.

Jikkonferma li fl-20 ta’ Ottubru 2008 kienet intbaghtet ittra lis-socjeta’ konvenuta w lil Alfio Bartolo w Silvio Cauchi, kopja ta’ liema giet esebita w immarkata bhala Dok CB6, li permezz taghha gew interpellati sabiex ihallsu s-somma t’erbat elef tmien mija w sittin Ewro (€4860) rapprezentanti

l-valur tal-hgiega miksura, liema pretensjonijiet kienu gew michuda permezz t’ittra tas-17 ta’ Novembru 2008 li kopja taghha giet esebita w immarkata bhala Dok. CB7. Sussegwentement fid-9 ta’ Marzu 2009 is-socjeta’ konvenuta interpellat lis-socjeta’ attrici sabeix thallashom is-somma ta’ hamest elef u disgha w hamsin Ewro u sitta w sittin centezmu (€5,059.66) kopja ta’ liema giet esebita w immarkata bhala Dok. CB8. Fis-17 ta’ Marzu 2009 irrispondewha permezz ta’ ittra, kopja ta’ liema giet esebita w immarkata bhala Dok. CB9, fejn minghajr pregudizzju urew id-disposizzjoni taghhom li jhallsu s-somma ta’ mija w disgha w disghin Ewro u sitta w sittin centezmu (€199.66) rapprezentanti d-differenza ta’ tpacija bejn iz-zewg somom. Jidher pero’ li dan ma kienx accettabbli ghas-socjeta’ konvenuta, li fil-21 ta’ Mejju 2009 intavolat ittra ufficcjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A, kopja ta’ liema giet esebita w immarkata bhala Dok. CB10, ghal-liema ittra huma rrispondew. Illi l-kawza odjerna giet istitwita in segwitu’ ghal proceduri ntavolati mis-socjeta’ konvenuta fl-ismijiet inversi, li ggib in-numru 378/09. Ikkonferma li sa dakinhar li xehed ma kien sar l-ebda risarciment ghad-danni li gew kagunati mill-konvenuti fil-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, w kien ghalhekk li giet intavolata din il-kawza.

In kontro ezami nhar il- 5 ta’ Ottubru 2010 jghid li huma kienu qabbdu lis-socjeta’ konvenuta sabiex jinstallaw *fire system* skond ir-regolamenti moghtija lilhom minn Portomaso Group u kienu hallew kollox f’idejn is-socjeta’ konvenuta. Ikkonferma li huwa ma kienx prezenti meta nkisret il-hgiega, izda li raha miksura wara. Qal ukoll li dakinhar ftit kienu l-haddiema fuq il-post, ghalkemm kien ghad fadal xoghol xi jsir minn haddiema ohra. Jghid li pero’ seta’ kien hemm xi haddiema jahdmu hemm qabel ma nkisret il-hgiega. Ikkonferma li kien attira l-attenzjoni ta’ haddiem tas-socjeta’ konvenuta li kellu sieq fuq il-hgiega u ohra fuq is-sellum waqt li kien qed jirranga xi bozza, w jghid li kien anke attiralu l-attenzjoni dwarha.

Mistoqsi jekk id-dwal li kien hemm fuq ir-*reception desk* kinux tal-marka *halogen*, jghid li ma jiftakarx, pero’ huwa minnu li kienu biddluhom, u dan peress li kienu qed jahlu

hafna dawl u li kienu jitfghu hafna shana fuq ir-*reception desk.* Jghid li meta kien qed jahdem hemmhekk kien induna li l-hgiega kienet tahraq hafna. Qal li bilfors trid tghaddi minn quddiem ir-*reception desk* qabel ma tidhol fl-ufficini. Qal li meta kien qed jahdem hu fir-*reception area,* haddiema ohra ma kienx hemm fuq il-post. Qal li l-ismijiet tal-kjamat in kawza Christian Attard u William Mallia sar jafhom wara l-incident meta staqsa l-*foreman*.

Rat ir-risposta tal-kjamati in kawza William Mallia u Christian Attard prezentata minnhom fl-24 ta' Gunju, 2010 fejn ecceppew is-segwenti:-

1."*Illi l-eccipjenti ma kkawzaw l-ebda danni fil-hgiega formanti parti minn' reception desk' u l-istess 'reception desk' fil-fond proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti, li qabel xejn trid tipprova t-titlu taghha ghall-istess proprjeta' sabiex jigi stabbilit l-interess guridiku, stante li meta saret it-talba ghal hlas ta' danni l-ewwel darba, din saret ghan-nom tas-socjeta' Webbet Limited, u mhux ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti.*

*2. Illi semmai, jekk is-socjeta' rikorrenti sofriet xi danni, liema danni jridu jigu pruvati, dawn saru tort unikament tal-istess socjeta', minhabba traskuragni u negligenza da parti taghha li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex tali danni jigu evitati, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha, stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn."*

**Arthur Galea** xehed viva voce il-Qorti nhar il-5 ta' Ottubru 2010 u kkonferma li huwa kien il-*foreman* tas-socjeta' konvenuta w ikkonferma li wara li kien kompletat ix-xoghol nhar il-25 ta' Awwissu 2008 huwa kien ghamel spezzjoni sabiex jivverifika x-xoghol kien sar. Ikkonferma li ma kienx hu li hadem fuq il-post izda zewg haddiema ohra, w cioe' l-kjamati in kawza. Jiftakar li dakinhar kien mar fuq

il-post qabel ma beda x-xoghol u kien indika lill-haddiema fejn kellhom jitwahhlu d-*detectors*, u huwa kien laqat il-hgiega tad-desk u nnota li kienet tahraq hafna. Qal li fuq il-post kien hemm haddiema ohra izda ma jafx min kienu. Qal li sar jaf li nkisret il-hgiega tramite is-*supervisor tieghu*. Qal ukoll li meta nkisret il-hgiega huwa ma kienx fuq il-post u lanqas ma jaf meta ezattament inkisret din il-hgiega, pero’ jaf li kien hemm diversi haddiema jahdmu fuq il-post.

**Christian Attard** xehed nhar il-5 ta’ Ottubru 2010 u kkonferma li kien hu flimkien ma’ William Mallia li hadmu fuq is-sistema tal-*fire alarm* ghalkemm kien hemm haddiema ohra jahdmu fuq il-post. Mistoqsi min kien hemm meta nkisret il-hgiega jghid li ma jafx ghaliex lanqas hu ma kien hemm. Huwa kkonferma li x-xoghol li ghamel fil-*fire alarm* ghamlu permezz tal-uzu ta’ sellum sabiex wasal ghal *man hole* li kien hemm fis-soffitt. Ikkonferma li huwa sar jaf li nkisret il-hgiega minghnd il-*management*.

**William Mallia** xehed nhar il-5 ta’ Ottubru 2010 u kkonferma li huwa kien jahdem fuq il-post flimkien ma’ Christian Attard meta wahhlu s-sistema tal-*fire alarm* u jahdmu maghhom kien hemm haddiema ohra mhux tas-socjeta’ konvenuta jaghmlu xoghlijiet ohra. Ghalkemm jghid li sa fejn jaf hu fir-*reception area* ma hadmux. Warajhom kien hemm zewg haddiema ohra tas-socjeta’ konvenuta li hadmu fir-*reception area* li ghamlu xi xoghol ta’ twahhil ta’ switches. Jghid li sar jaf li l-hgiega nkisret mis-*supervisor* tieghu, u dan jum it-Tnejn, u kien spicca mix-xoghol il-Gimgha ta’ qabel. Qal li fil-weeked ma kienx mar fuq il-post u qabel ma telaq hgieg imkisser ma kienx ra.

**Alfio Bartolo,** *electrical technician* mas-socjeta’ konvenuta xehed nhar id-9 ta’ Novembru 2010 u kkonferma li jiftakar li kien sar xi xoghol f’level two ta’ Portomaso. Ix-xoghol kien jikkonsisti f’installazzjoni ta’ *fire alarm system*. Xoghlu kien biex jaghmel *final fits* u jwahhal xi *detectors* fis-saqaf fejn kien hemm bzonn. Qal li huma kienu jilhqu s-saqaf permezz ta’ sellum. Huwa

cahad li qatt mess ir-*reception desk*. Jiftakar pero' li meta dahlu ghax-xoghol fl-1 ta' Settemrbu 2008, flimkien ma' Silvio Cauchi, kien gie milqugh minn rapprezentant tas-socjeta' atttrici w qalilhom biex joqoghdu attenti ghax kien hemm xi hsara fil-hgiega tar-*reception desk*. Jghid li huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma' din il-hsara. Mistoqsi jekk kienx hemm haddiema ohra fuq il-post jahdmu jghid li kien hemm, zgur li kien hemm bajjad li pero'ma jafx x'jismu.

Ikkonferma li l-ewwel gurnata li hadem fuq il-post kien fl-1 ta' Settembru 2008 u qal li ma kien jaf xejn ghaliex is-socjeta' konvenuta kienet informat lis-socjeta' attrici li huwa hadem hemm qabel din id-data. Jghid li meta mar fuq il-post ra li s-socjeta' konvenuta kienet diga' baghtet in-nies taghha biex jinstallaw is-sistema, kien ghad fadal biss il-*final fits*, li jigu nstallati il-*wires* li kienu gja ghaddejjin mis-sistema, kellu biss iwahhal id-*detectors*. Zgur pero' li beda jahdem fuq il-post fl-1 ta' Settembru 2008.

**Silvio Cauchi** *technician* mas-socjeta' konvenuta xehed fl-istess jum tad-9 ta' Novembru 2010 u kkonferma dak kollu li kien qal Alfio Bartolo. Qal li huwa hadem dejjem mieghu u kien dejjem fil-kumpanija tieghu. Ikkonferma li huwa sar jaf li l-hgiega nkisret minn Chris Baldacchino fl-1 ta' Settemrbu 2008 appena dahlu biex jahdmu, meta qalilhom biex joqoghdu attenti. Ikkonferma li huma kienu jilhqu s-saqaf permezz ta' sellum forbici. Sabu l-installazzjoni gja lesta w huma kellhom biss iwahhlu *detectors* u l-*programming* kellu jsir wara. Ikkonferma wkoll li qatt m'ghamlu uzu mir-*reception desk*. Qal li dak iz-zmien kien hemm haddiema ohra jahdmu fil-kuriduri jwahhlu xi *monitors*, li ma kinux tas-socjeta' konvenuta.

Mistoqsi ghaliex huwa semma l-1 ta' Settembru 2008 bhala l-ewwel gurnata tax-xoghol tieghu jghid li rrizultalu hekk mit-*time sheet*. Ghalkemm jghid li qabel ma beda x-xoghol kien mar fuq il-post mal-Inginier sabiex jara x'tip ta' xoghol kellu jkun hemm u biex jaghti stima, pero' dakinhar ma ghamlu l-ebda xoghol. Qal li dakinhar maghhom kien hemm ukoll xi haddiema tas-socjeta' attrici. Mistoqsi jekk il-hgiega kinitx miksura dakinhar jghid li ma jiftakarx.

Pero’ zgur li fl-1 ta’ Settembru 2008 kienet miksura. Mistoqsi jekk jafx dwar xi *e-mail* li baghtet is-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici fejn kien hemm miktub li huwa flimkien ma’ Alfio Bartolo kienu xoghol fil-21 ta’ Awwissu 2008, jghid li ma jafx biha.

Ikkunsidrat:-

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qed tallega li xi haddiema tas-socjeta’ konvenuta kissru l-hgiega tar-*reception desk* waqt il-qadi ta’ dmirijiethom u dan b’negligenza, w ghalhekk is-socjeta’ jew il-kjamati ‘n kawza, li s-socjeta’ attrici temmen li kienu huma li kissru l-hgiega, ghandhom jirrispondu ghal din l-allegazzjoni. M’hemmx dubbju ghalhekk li hija s-socjeta’ attrici li trid tipprova min kisser il-hgiega, meta kissirha w kif inkisret, u dan sabiex it-talba taghha tkun tista’ tigi milqugha.

Issir refernza ghas-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili per l-Imhallef Pace nhar il-25 ta’ April 2002 fl-ismijiet **<u>Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et</u>** dwar x’tip ta’ prova ghandha tistrieh fuqha l-Qorti. F’din il-kawza inghad li “*Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli*.”

Fis-sentenza li nghatat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili nhar it-28 ta’ Marzu 2003 fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Emmanuel Ciantar vs David Curmi et</u>** inghad li:-

*“Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament*

*jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."*

Naturalment is-socjeta’ attrici li tallega d-debitu ghandha, fl-ewwel lok u dejjem, l-obbligu li tipprova l-kreditu minnha vantat. Inkella fin-nuqqas li taghmel dan, jibqa’ jimpera l-principju ‘*actor non probante reus absolvitur’.*

Issa f’dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm xi hadd li ra lil xi persuna tkisser il-hgiega w in effetti ma jirrizultax li kien hemm xi hadd meta effettivament inkisret. Is-socjeta’ attrici riedet tghid li kienu l-kjamati ‘n kawza li kissru l-hgiega, ghaliex effettivament inghad li wiehed minnhom, ghalkemm liema wiehed ma giex indikat, kellu sieq wahda fuq il-hgiega w ohra fuq is-sellum meta kien qed jirranga xi bozza. Pero’ s-socjeta’ attrici naqset li tindika min kienet din il-persuna, u wisq aktar il-persuna li effettivament allegatament attiratlu l-attenzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas.

Jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, w dan ghaliex fl-ebda hin ma s-socjeta’ ressqet xi prova kuntrarja, li l-kjamati ‘n kawza bdew jahdmu fis-sit fejn sehh l-incident nhar l-1 ta’ Setttembru 2008, u ghalhekk hafna wara li l-hgiega nstabet miksura, w ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li kienu l-kjamati ‘n kawza li kkagunaw id-danni sofferti mis-socjeta’ attrci. Dwar il-bqija tal-haddiema jirrizulta li verament kien hemm zewg haddiema ohra jahdmu bejn il-perijodu tal-21 u 25 ta’ Awwissu 2008 fuq il-post, u li verament kienu qed iwahhlu *fire alarm system,* izda ma jirrizultax li kienu huma li kissru l-hgiega w dan lanqas sal-grad tal-probabbli. L-ewwel nett ix-xhieda, haddiema tas-socjeta’ konvenuta li hadmu fuq il-post, cahdu li huma kissru l-hgiega, w qalu li saru jafu li nkisret

mis-*supervisors* taghhom jumejn wara li kienu spiccaw mix-xoghol, u dan ghaleix huma telqu jum il-Gimgha u saru jafu jum it-Tnejn.

Illi s-socjeta' konvenuta, l-konvenuti Alfio Bartolo w Silvio Cauchi, w il-kjamati 'n kawza William Mallia w Christian Attard, fl-ewwel eccezzjoni taghhom eccepew li s-socjeta' attrici m'ghandhiex interess guridiku izda hija s-socjeta' Webbet Limited li ghandha, w dan ghaliex l-ewwel interpellazzjoni kienet saret minnha. Jirrizulta pero' mill-atti esebiti w b'mod partikolari mill-kuntratt esebit, li t-tieni

sular ta' Portomaso Towers jappartjeni lis-socjeta' attrici w ghalhekk hija din l-istess socjeta' li ghandha dritt tfittex ghad-danni li gew kagunati lilha, w ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tal-konvenuti Alfio Bartolo w Silvio Cauchi, w tal-kjamati 'n kawza William Mallia w Christian Attard jinghad li s-socjeta' attrici trid tipprova li d-danni gew kagunati minnhom u dan minhabba mperizja w negligenza. Bir-rispett kollu dan ma jirrizultax provat lanqas remotament.

**Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, ghalkemm jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament is-socjeta' attrici sofriet danni konsistenti fi tkissir ta' hgiega, w sabiex is-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghal dawn id-danni hija kellha thallas is-somma msemmija fir-rikors promotur, izda ma giex provat la li hija s-socjeta' konvenuta, la l-konvenuti Bartolo w Cauchi w lanqas il-kjamati 'n kawza Mallia w Attard, li huma responsabbli ghal dawn il-hsarat.**

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tal-konvenuti Alfio Bartolo u Silvio Cauchi w tal-kjamati 'n kawza William Mallia u Christian Attard, qeghda tilqa' t-tieni eccezzjoni taghhom, b'dan illi qed tichad it-talba attrici.**

**Bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, a karigu tas-socjeta’ attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------